MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 2021/2000/1

**Anton Cuschieri ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta**
**Anton Cuschieri Import-Export**

**v.**

**Carmelo u Rita konjugi Bertone**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:

"Premess illi l-attur biegh lill-konvenuti zewg *spray booths* u accessorji ghall-prezz ta' tmint elef u hamsin lira Malitja (Lm8,050);

"Premess illi l-konvenuti ghadhom debituri ta' l-attur fl-ammont ta' hamest elef u tmien mitt lira Maltija (Lm5,800) oltre l-imghax mid-data tal-bejgh;

"Premess illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex ihallsu l-ammont ta' Lm5,800 baqghu inadempjenti;

"Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef u tmien mitt lira Maltija (Lm5,800) bilanc minn somma akbar, u pagabbli bhala prezz ghall-bejgh ta' spray booth u accessorji.

"Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi l-pretenzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi l-ispray booths mibjugha u istallati mill-attur ma gewx istallati skond is-sengha u l-arti b'konsegwenza t'hekk, l-uzu ta' spray booths huwa wiehed limitat u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

2. Illi din il-kawza saret unitilment, u ghaldaqstant l-esponenti ma ghandux ibati spejjez, stante illi l-attur jaf li x-xoghol mhux kif patwit pero` ried li l-ewwel jithallas imbaghad jesegwixxi r-rettifikazzjonijiet necessarji u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri."

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert gudizzjarju, l-AIC Joseph Ellul Vincenti, mahtur mill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jassistiha fl-istharrig tal-meritu tal-kawza;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Novembru, 2004, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi
"... tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef u sebgha mitt lira (Lm5,700) ghar-raguni msemmija, bl-imghax mill-25 ta' Ottubru 2000 u cioe` meta l-konvenuti gew notifikati bic-citazzjoni; l-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hamest elef u tmien mitt lira Maltin (Lm5,800) bilanc tal-prezz ta' zewg *spray booths* u accessorji ohra. Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-oggetti msemmija ma gewx installati bl-arti u s-sengha. Qed jghidu wkoll li s-socjeta` attrici kienet accettat li ssewwi d-difetti qabel tithallas

"Il-perit tekniku a fol. 21 tal-process elenka l-ilmenti tal-konvenuti. Dawn kienu;

"1. *Filters* mhux facli jinqalghu.

"2. Genb ta' kabina mzaqqaq.

"3. *Wire* ta' l-elettriku tal-mutur ta' l-arja hu go *flexible conduit pipe* u qieghed fl-art.

"4. Faccata ta' *spray booth* mhux kompluta.

"Il-perit tekniku rrelata dwar dawn l-ilmenti wiehed wiehed u kkonkluda a fol. 25 *et sequitur* tal-process illi;

"1. Fir-rigward ta' l-ewwel ilment dan ma kienx gustifikat xejn.

"2. Il-genb hu fil-fatt imzaqqaq.

"3. Hu minnu l-wire msemmi qieghed ma' l-art.

"4. Il-konvenut ma kienx gustifikat li jitlob li l-faccata titghatta ghaliex jekk dan isir inaqqas mill-volum ta' l-arja necessarja li jidhol ghall-*ispray booth*.

"Fir-rigward tat-tieni ilment pero` l-perit tekniku qal li dan id-difett kien biss estetiku u ma jimpedix l-i*spray booth* jigi uzat. Qal ukoll li ghal dan jahti l-istess konvenut billi ma ipprovdix bazi tajba biex tinbena l-kabina (fol. 29). Fir-rigward tat-tielet ilment ikkonkluda li l-konvenut jista' jirrn\anga d-difett bi spiza li ma teccedix mitt lira Maltin (Lm100).

"Billi l-kawza hija dwar materja prettamanent teknika hu naturali li l-Qorti tistrieh fuq il-konkluzjonijeit tal-perit teniku u ghalhekk se tilqa' t-talbiet attrici izda ser tnaqqas mitt lira Maltin (Lm100) mill-ammont mitlub minhabba dak li ntqal. Fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza il-Qorti se takkolahom kollha lill-konvenuti billi l-ammont li ser jitnaqqas mis-*sorte* hu minimu fir-rigward tat-talba u anke ghaliex il-konvenuti ma ghamlux depozitu ta' xi parti mill-bilanc."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu r-revoka tas-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravju taghhom u tichad it-talbiet attrici;

Rat ir-risposta ta' l-atturi li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu l-konferma fl-interita` taghha tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici talbet hlas tal-bilanc tal-prezz wara bejgh u installazzjoni ta' zewg *spray booths*. Iil-konvenuti ma riedux ihallsu l-bilanc peress li qiesu li l-installazzjoni ma saritx skond l-arti u s-sengha. Fil-kors tas-smigh tal-provi huma identifikaw erba' difetti li skond huma jiggustifikaw in-nuqqas ta' hlas minnhom tal-bilanc.

Dawn il-lanjanzi jinsabu elenkati fit-tieni paragrafu tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti. Il-perit tekniku mahtur mill-ewwel Qorti ezamina dawn l-ilmenti u qies li l-konvenuti ma kellhomx ragun dwar tnejn mill-ilmenti mressqa, difett iehor kien imputabbli lill-istess konvenuti, fil-waqt li d-difett l-iehor (it-tielet wiehed) huwa ta’ natura zghira, facilment riparabbli bi spiza ta’ mhux aktar minn Lm100.

Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti abbraccjat il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku, u ordnat il-hlas tal-bilanc tal-prezz, bi tnaqqis ta’ Lm100.

Il-konvenuti appellanti resqu zewg aggravji kontra s-sentenza: (i) fl-ewwel lok, isostnu li la darba irrizulta li x-xoghol ma giex imwettaq kollu skond l-arti u s-sengha, is-socjeta` attrici ma tistax titlob hlas ghas-servizzi taghha; (ii) fit-tieni lok u f’kull kaz, is-somma likwidata ma tirrispekkjax il-valur tad-difetti riskontrati mill-perit tekniku.

Dwar l-ewwel ilment hu minnu li l-appaltatur ghandu f’kull kaz jesegwixxi l-inkarigu moghti lilu skond is-sengha u l-arti. Ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li ’l quddiem juri difetti. Kif intqal band’ohra minn din l-istess Qorti “hu ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu” (ara “Direttur Generali tax-Xogholijiet Pubblici vs Azzopardi”, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta’ Gunju, 2006).

Min-naha l-ohra, mhux kull difett fl-ezekuzzjoni tax-xoghol jintitola lis-sid li jirrifjuta li jhallas l-prezz.

Fil-kawza “Brownrigg v. Spiteri”, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju, 2003 saret rassenja gurisprudenzjali tal-principji li jirregolaw l-materja ta’ meta jirrizulta difetti fix-xoghol ezegwit. Gie osservat a propositu:
“Skond ir-regoli generali ta’ l-inadempiment l-appaltatur m’huwiex mehlus mir-responsabbilta` avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas izda b’daqshekk ma jigix ezonerat mir-responsabbilta` jekk nonostante kontroll

diligenti fil-mument tal-verifika 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. **(Vol. XLI P 1 p. 667)**;

"Rigward il-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur jidher li fid-dottrina saret distinzjoni skond il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol. Jekk il-prezz gie ffissat ghal kull unita`, l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoxghol maghmul; jekk il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas – **Carmelo sive Charles Mallia vs Ivan John Fonk (Appell Civili 24 ta' Jannar, 1975)**;

"Dan jiddependi min-natura tad-difett riskontrat. Jekk id-difetti ikunu ta' certa gravita` l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-*exceptio non rite adempleti contractus* ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas – **Francis Spiteri nomine vs Emmanuele Cassar (Appell Civili 14 ta' Marzu, 1975)**. Jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati **(Vol. XXX P II p. 433)** jew jaccetta riduzzjoni – **Angelo Busuttil vs Pio Fedele et (Prim Awla Qorti Civili 9 ta' April, 1968); John Bonnici nomine vs Anthony Sammut (Appell Kummercjali 22 ta' Gunju, 1994); Victor Tabone vs Felix Mifsud (Prim Awla Qorti Civili 5 ta' Ottubru, 1994).**"

(ara ghall-applikazzjoni ta' dawn l-istess principji l-kawza "Ind Highfield Ltd. v. Camilleri et", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Frar, 2006, u l-gurisprudenza hemm indikata, u l-kawza "Darmanin vs Agius", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2004).

Issa, f'dan il-kaz, mill-provi prodotti, inkluz ir-rapport peritali, jidher car ghall-Qorti li d-difetti lamentati mhumiex ta' natura sostanzjali; anke meta l-perit tekniku gie eskuss hu zamm il-posizzjoni tieghu li d-difett riskontrat (wire ta' l-elettriku mixhut fl-art), ma kienx gravi u ma kien johloq ebda periklu, u facilment seta' jigi irrangat kif issuggerixxa hu biex ikun aktar *safe*. Issa, f'materja ta' valutazzjoni ta' prova dwar ir-rapport tekniku l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport

tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-"*giudizzio dell'arte*" kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi, irragjonevoli jew zbaljati. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta il-konkluzjonijiet ta' l-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika" [App. C. **Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat** [1967] Vol.LI.I.390; u App. C. **Philip Grima vs Carmelo Mamo** – 29 Mejju 1998].

Dan il-principju japplika wkoll ghat-tieni aggravju ta' l-appellanti. Dawn ma resqu ebda konsiderazzjoni ta' natura teknika biex iwaqqghu l-opinjoni kif espressa mill-perit tekniku. Il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u r-rapport peritali u ma tara xejn irragjonevoli fil-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom il-perit tekniku, u tara li ma gew imressqa ebda konsiderazzjonijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika.

Fid-dawl ta' dan kollu u peress li d-difett huwa facilment riparabbli il-konvenuti ma kienux korretti fl-eccezzjoni li l-hlas mhux dovut ghax ix-xoghol ma kienx gie esegwit . Stante n-natura tad-difett lamentat, ghamlet tajjeb l-ewwel Qorti li flok ordnat riparazzjoni, ordnat riduzzjoni fil-prezz.

L-appellanti jindikaw ukoll li, fil-mori tal-kawza, kienu hallsu Lm4000 lis-socjeta` attrici, izda "bi zvista taz-zewg nahat" ma tnizzel xejn in atti. Fil-fatt, dan il-hlas <u>hu registrat</u> fl-atti, ghax b'nota tat-28 ta' Mejju, 2002 (fol. 86), is-socjeta` attrici irriduciet it-talba ghal Lm1,800, stante hlas ta' Lm4,000 fil-mori u accettat minghajr pregjudizzju. Jidher li, bi zvista, l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra din in-nota u ghaddiet xorta wahda ghall-kundanna fl-ammont ta' L5,700. Din il-Qorti, sejra tikkunsidra din ir-riduzzjoni, pero`, peress li l-hlas sar fil-mori tal-kawza u l-konvenuti appellanti baqghu jsostnu l-argumenti taghhom kontra t-talba attrici – argumenti li gew michuda anke minn din il-

Qorti – ma  tarax li ghandha taghmel temperament fil-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tilqghu biss in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' L5,700 u minflok tordna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' L1,700, u tikkonfermaha fil-bqija, inkluza l-parti dwar id-dekorrenza ta' l-imghaxijiet.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------